MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 483/2003

Allcare Insurance Agency Limited
vs
Chris Cachia and Associates Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi s-socjeta` attrici hija agenzija tal-assikurazzjoni licenzjata skond il-ligi.

Peress illi permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Marzu 2003, (Dok. A) is-socjeta` konvenuta, li dak iz-zmien kellha licenzja biex topera ta' sub-agent tal-assikurazzjoni (illum din il-licenzja giet revokata mill-awtorita` kompetenti) obbligat ruhha sabiex issir sub-agent tas-socjeta` attrici, b'dana li s-socjeta` konvenuta kienet ukoll obbligata li taghmel hilitha kollha sabiex in-negozju ezistenti taghha tghaddih lis-socjeta` attrici.

Peress illi fuq din l-istess skrittura s-socjeta` attrici hallset zewg somom lis-socjeta` konvenuta. Wahda kienet ta' tlett elef u hames mitt Lira (Lm3,500) ghall-avvjament (goodwill) li s-socjeta` konvenuta kellha tghaddi lil dik attrici (vide klawsola 4 tal-iskrittura). It-tieni somma kienet ta' hamest elef Lira (Lm5,000) u din kienet imhallsa bhala anticipu fuq kummissjonijiet li kienu ser jispettaw lis-socjeta` konvenuta fil-futur a bazi tax-xoghol ossija negozju ta' renewals ta' poloz ta' assikurazzjoni li s-socjeta` konvenuta kellha tressaq lis-socjeta` attrici.

Peress illi minn dak iz-zmien sallum, is-socjeta` konvenuta ma wettqet ebda obbligazzjoni minnha assunta u m'ghamlet xejn mill-proceduri rikjesti sabiex issir sub-agent tas-socjeta`attrici, u n-negozju li s-socjeta` konvenuta ghaddiet lil dik attrici kien negligibbli.

Peress li jidher car li la s-socjeta` konvenuta u l-anqas id-direttur koncernat Christopher Cachia ma kellhom ebda intenzjoni li jwettqu l-imsemmija skrittura. Izda dawn kellhom biss l-intenzjoni frawdolenti li jiehdu l-flus imsemmija mbaghad jisparixxu.

Peress li interpellata bonarjament sabiex tirrifondi l-flus li rceviet fit-3 ta' Frar 2003 (Dok. B), is-socjeta` konvenuta l-anqas biss kienet wiegbet, u kienet ghada sallum inadempjenti anki wara li sarilha mandat ta' sekwestru numru 728/2003.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex in vista tal-premessi:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' tmint elef u hames mitt lira (Lm8,500) u

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas din is-somma bl-imghax mid-data tac-citazzjoni, lis-socjeta` attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u mandat ta' sekwestru fuq imsemmija kontra taghha, filwaqt li giet ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

1. Illi preliminarjament is-socjeta` attrici riedet iggib il-prova li Eric Schembri kien debitament awtorizzat sabiex jirrapprezentaha guridikament skond l-Art 181A (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-lista ta’ xhieda ma giex dikjarat dwar kull xhud x’ fatti u xi prova bi hsiebha taghmel is-socjeta` attrici skond kif jitlob l-Art 156 (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ic-citazzjoni odjerna hija wahda irrita u ghalhekk nulla u bla effett u dan stante li ma hemm ebda konnessjoni guridika jew imqar logika bejn il-premessi u t-talbiet attrici. Fil-fatt, in vista tal-premessi kif citati, semmai u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici imissha ghamlet talba ghal dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta ma wettqitx l-obbligi taghha bhala sub-agent ai termini tal-iskrittura datata 15 ta’ Marzu, 2003 u li ghaldaqstant kellha tigi ordnata u kundannata sabiex tirrifondi l-flus moghtija lilha mis-socjeta` attrici ai termini tal-iskrittura fuq imsemmija.

4. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-irritwalita` tat-talbiet attrici stante li ma saret ebda talba lill-Qorti sabiex tordna li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-atturi, qabel ma ntalbet il-kundanna tal-istess socjeta`;

5. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti dikjarati fir-raba’, il-hames u s-sitt premessi tas-socjeta` attrici huma kompletament gratuwiti u minghajr ebda bazi fattwali jew legali u dan meta l-ebda minn dak imsemmi ma sehh fir-realta`. Fil-fatt, mhux talli s-socjeta` konvenuta wettqet l-obbligi taghha bhala sub-

agent ai termini tal-ftehim fuq imsemmi, izda sahansitra gharrfet lis-socjeta` attrici b'dan permezz ta' ittra mibghuta lilha fis-17 ta' Gunju, 2003 (Dok. AD1) u iddiffidata milli tipprocedi ulterjorment. Ghaldaqstant, l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna;

6. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward it-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' Lm3,500 din hija infondata sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li din thallset mis-socjeta` attrici bhala goodwill kif indikat fl-Artikolu 4a tal-ftehim relattiv iffirmat bejn il-partijiet u s-socjeta` konvenuta effettivament ikkonsenjatilha l-portfolio relattiv taghha in adempjenza tal-obbligi kuntrattwali taghha;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward it-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' Lm5,000 din hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kif inhi ben konsapevoli s-socjeta` attrici, in-negozju mghoddi mis-socjeta` konvenuta lilha kien wiehed sostanzjali b'dan illi l-ammont ta' Lm5,000 mhallas mis-socjeta` attrici stess fuq il-kuntratt bhala akkont ta' kummissjonijiet gie effettivament kollu saldat in linea ta' kummissjoni dovuta minnha lis-socjeta` konvenuta ai termini tal-istess ftehim fuq imsemmi, u dan kif seta' jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

8. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Eric Schembri li fiha semma li hu kien Chairman tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` attrici u l-fatti kien jafhom personalment. Is-socjeta` attrici hija agenzija tal-assikurazzjoni licenzjata skond il-ligi. Illi permezz ta’ skrittura privata tal-15 ta’ Marzu 2003 is-socjeta` konvenuta, li dak iz-zmien kellha licenzja biex topera ta’ sub-agent tal-assikurazzjoni (illum din il-licenzja giet revokata mill-awtorita` kompetenti) obbligat ruhha sabiex issir sub-agent tas-socjeta` attrici, b’dana li s-socjeta` konvenuta kienet ukoll obbligata li taghmel hilitha kollha sabiex in-negozju ezistenti taghha tghaddih lis-socjeta` attrici u ghalhekk hallset is-somma ta’ tlett elef u hames mitt Lira (Lm3,500) ghall-avvjament (goodwill) u hamest elef Lira (Lm5,000) bhala anticipu fuq kummissjonijiet. Sal-lum is-socjeta` konvenuta ma wettqet ebda obbligazzjoni minnha assunta u interpellata bonarjament sabiex tirrifondi l-flus li rceviet is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Gie pprezentat affidavit ta’ Eric Schembri li jinsab a fol 40 tal-process.

Inoltre fis-7 ta’ Jannar 2004 riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni Dr. Richard Galea Debono esebixxa nota bl-istatut tal-kumpanija u ghamel referenza specjali ghall-artikolu 11 fol 6 tal-memorandum minn fejn jirrizulta “the legal representation of the company shall be exercised by the Chairman of the Board of without prejudice and in addition to the aforesaid, by any person or persons delegated by the Board of Directors.” Minn paragrafu 10 jirrizulta li c-Chairman kien Eric Schembri. Inoltre giet esebita rizoluzzjoni tal-kumpanija kif jirrizulta a fol 32 tal-process, liema rizoluzzjoni saret mill-Bord tad-Diretturi a tenur tal-Artikolu 60 tal-Articles of Association fejn jinghad “the Board resolved to authorise the institution of legal proceedings against Chris Cachia and Associated Limited to recover the sum of Lm8500 plus interest as a result of breach of contract”.

Gie prezentat affidavit ta’ George F. Said li fih qal li meta kien Chief Executive ta’ l-Allcare Insurance Agency Ltd. fil-bidu tas-sena 2002 kellu laqgha ma’ Chris Cachia u ma’

Eric Schembri. Semma li Chris Cachia & Associates kienet sub agent licenzjata tal-Middle Sea Insurance u kellha premium ta' fuq Lm70,000 fuq business ta' l-assikurazzjoni in generali. Cachia kien qalilhom li hu xtaq jitlaq dak it-tip ta' xoghol, inehhi l-amministrazzjoni kollha u ssir sub-agent tal-kumpanija Allcare li din tkun tista' tohodlu hsieb il-karti, l-poloz, claims ecc. biex hu jkun jista' jintefa' aktar billi jgib aktar klijenti u fuq xoghol ta' kumpanija ohra tieghu ta' proprjeta`. Qal li wara li ltaqghu diversi drabi kien intlahaq ftehim verbali fuq hafna kundizzjonijiet fosthom pagament bil-quddiem u li l-impjegata tieghu tmur tahdem ma' l-Allcare. Wara konsultazzjoni ma' l-avukati l-ftehim kien gie konkluz bil-kitba.

Semma li biex Chris Cachia & Assosciates seta' jaqleb sub agent ta' l-Allcare kellu bzonn l-approvazzjoni tal-principal attwali u permess mir-regolatur u Cachia kien qalilhom li dan ma kellux ikun ta' problema. Qal li l-kuntratt kien gie ffirmat fil-15 ta' Marzu 2002 u kien sar hlas ta' Lm8,500. Semma li dak inhar li gie ffirmat il-kuntratt l-Allcare kienet irceviet ittra minghand l-MFSA fejn avzat lill-Allcare li ma tistax taccetta business minghand Chris Cachia & Associates u li Cachia ma setax jibghat javza lill-klijenti b'xi tibdiliet. Semma li huma kienu sorprizi ghax hasbu li Cachia kien ser jirranga kollox qabel ma dan iffirma l-kuntratt u thallas.

Qal li meta baghtu ghal Cachia hu kien qalilhom li xi hadd fil-Middlesea kien qed jostakola r-rilaxx tieghu minhabba li ma rieduhx jitlaq. Sostna li huma ndunaw li Cachia kien qed iqarraq bihom ghax kienu rcevew ittra mill-Middlesea fejn Cachia kien mitlub jaghti cifra sostanzjali ta' flus u akkuzawh b'agir mhux den u li ma' jistax ikun sub-agent ta' hadd ghall-fini tal-ligi.

Semma li Rita Davison li kienet impjegata tal-konvenut marret tahdem ma' l-Allcare u hadet maghha l-lista ta' klijenti u xi files taghhom. Kienet Rita Davison, bix-xoghol taghha fil-hin tal-kumpanija u impjegati ohra ta' l-Allcare li rnexxielhom jghaddu business lil Allcare bl-uzu ta' dawk il-listi. Qal li kemm hu kif ukoll Eric Schembri kienu jcemplu

lil Cachia biex dan jibda jahdem kif suppost izda kien kollu ghal xejn.

Gie prezentat affidavit ta' Rita Davison fejn fih qalet li hi kienet impjegata mas-Sur Cachia u f'Marzu 2002 kien affaccjaha u kien qalilha li ser ibiddel il-mod kif jahdem u ser isir sub-agent ta' l-Allcare Insurance Agency. Qalilha li hi jekk taccetta kien sabilha impieg ma' l-istess kumpanija u li r-rwol taghha kien li tkompli taqdi l-klijenti tieghu personalment. Qalet li hi accettat u fl-1 ta' April 2002 bdiet tahdem ma' l-Allcare u ghadha hemm. Semmiet li kienet tikkuntatja lill-klijenti li f'dak ix-xahar kien ser tiskadilhom il-polza tal-assikurazzjoni biex tinfurmahom li setghu jhallsu l-insurance taghhom gewwa l-ufficini tal-Allcare minflok direttament lill-Middlesea Insurance. Semmiet li fost il-klijenti kien hemm min kien diga` hallas il-polza tieghu mal-Middlesea u kien hemm ohrajn li kienu staqsew ghas-Sur Cachia. Qalet li hi kienet qaltlu lis-Sur Cachia b'dan izda hu naqas milli jikkuntattjahom lura. Kien hemm min talabha r-renewal notice ghax ma kienux ircevew l-ebda notice u Ms. Judith Cutajar, is-superjura taghha, kienet qaltilha li ma setghux jibghatu r-renewal notice minhabba li s-Sur Cachia kien gie rifjutat li tinghatalu l-licenzja ta' sub-agent mal-Allcare Insucance Agency.

Gie prezentat affidavit ta' Judith Cutajar Chief Executive ta' l-Allcare Insurance Agency li fih qalet li fi Frar 2002 kienet Senior Executive tal-Personal Lines Departement tal-kumpanija u giet infurmata li kien intlahaq ftehim ma' Chris Cachia & Associates sabiex isir sub-agent tal-kumpanija taghhom. Qalet li dan kien ser jghaddi madwar Lm70,000 fi premiums ta' klijenti li kellu hu originarjament. Semmiet li parti mill-ftehim kien li l-impjegata ta' Cachia, Rita Davison tibda tahdem ma' l-Allcare. Qalet li l-kuntratt kien gie ffirmat f'Marzu 2002 u fl-1 ta' April 2002 Rita Davison bdiet tahdem ma' l-Allcare Insurance. Semmiet li sadanittant kienu gew infurmati mill-MFSA li l-licenzja biex Chris Cachia jsir sub-agent ta' l-Allcare ma kenitx giet approvata minhabba li l-Middlesea Insuance ma awtorizzatx biex isir dan. Qalet li kienu saru diversi laqghat ma' Cachia biex jaraw kif u meta kien ser jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu izda ghal xejn.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Christopher Cachia Direttur tas-socjeta` konvenuta fejn sostna li mhux talli s-socjeta` konvenuta wettqet l-obbligi taghha bhala sub-agent ai termini tal-ftehim izda sahansitra gharrfet lis-socjeta` attrici b'dan permezz ta' ittra mibghuta lilha fis-17 ta' Gunju, 2003 u iddiffidata milli tipprocedi ulterjorment. Zied li ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' Lm3,500 din hija infondata sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li din thallset mis-socjeta` attrici bhala goodwill kif indikat fl-Artikolu 4a tal-ftehim u fir-rigward it-talba attrici ghall-Lm5,000 in-negozju mghoddi mis-socjeta` konvenuta lilha kien wiehed sostanzjali.

Il-konvenut ma pprezentax provi ohra ghalkemm ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Fil-15 ta' April 2004 il-Qorti tat lis-socjeta` konvenuta sat-13 ta' Settembru 2004 (u cioe` 5 xhur biex jigu prezentati l-affidavits) u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Ottubru 2004, f' liema gurnata s-seduta ma saritx minhabba li l-Imhallef sedenti kien okkupat fuq xoghol legali f' Luxembourg. Xorta wahda l-affidavits ma gewx prezentati sad-29 ta' Ottubru 2004 meta saret is-seduta u anke f' din id-data s-socjeta` konvenuta ma kellhiex provi. Naturalment biex issegwi l-principju tal-***audi alteram partem*** iridu jigu prodotti provi ghax jekk ma gewx prodotti l-Qorti ma jkollhiex x' tisma'. Meta kellha ssir it-trattazzjoni finali tal-kawza ma kien hemm ebda konsulent legali biex jaghmel dan izda xorta wahda l-Qorti tat lis-socjeta` konvenuta l-fakulta` li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi din il-kawza tirrigwarda skrittura privata li saret bejn l-agent, ghan-nom tas-socjeta` attrici, u s-sub-agent ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. F'din l-iskrittura, is-sub-agent obbliga ruhu sabiex jopera ta' sub-agent tas-socjeta` attrici, kif ukoll obbliga ruhu li jressaq in-negozju ezistenti tieghu lis-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici sostniet li hija hallset zewg somom lis-socjeta` konvenuta, tlett elef u hames mitt lira (LM3,500) ghall-avvjament, u

hames telef lira (LM5,000) bhala anticipu fuq kummissjonijiet. Peress li iktar tard irrizulta li l-licenzja sabiex il-konvenut jopera ta' sub-agent giet revokata mill-awtorita kompetenti, u peress li s-socjeta` konvenuta ma wettqitx l-obbligazzjonijiet taghha skond l-iskrittura, talbet ir-rifuzjoni tas-somma ta' tmint elef u hames mitt lira (LM8,500).

Min-naha l-ohra, s-socjeta` konvenuta, sostniet li hija wettqet l-obbligi taghha bhala sub-agent skond il-ftehim bil-miktub ta' bejniethom u sahansitra gharrfet b'dan lis-socjeta` attrici permezz ta' ittra datata 17 ta' Gunju 2003 esebita a fol 28 tal-process. In oltre, gie sostnut ukoll, li t-talba attrici ghar-rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500) hija nfondata stante li din thallset mis-socjeta` attrici bhala avvjament.

Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni mid-dokument li pprezenta Dr. Galea Debono jidher car li Eric Schembri kien awtorizzat skond il-memorandum biex jirrapprezenta guridikament lis-socjeta` attrici u ghalhekk il-Qorti qed tichad din l-ewwel eccezzjoni.

Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni dwar il-lista tax-xhieda apparti milli l-lista kienet tindika li x-xhieda kellhom ikunu diretturi u impjegati tas-socjetajiet attrici u konvenuta, permezz ta' nota a fol 34 tal-process data 7 ta' Jannar 2004 dawn gew dettaljatament specifikati u ghalhekk f' dan l-istadju qed tichad din l-eccezjoni ghalkemm kien hemm nuqqas inizzjali tas-socjeta` attrici f' dan ir-rigward.

Rigward it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti ghandha tezamina n-natura ta' inkorrettezzi li jistghu jezistu fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi. Ic-citazzjoni ghandha tkun cara u preciza, kemm jista' jkun, u li tigi mfissra r-raguni tat-talba. Gie deciz f' **Marjanna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim Awla fid-9 ta' Marzu 1965, " Citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi". Inghad ukoll **f' Ellul E. vs Agnese Gera De Petri** deciza mill-Appell Civili Superjuri fil-21 ta' April 1995, li; "Biex twassal ghan-nullita` ta' att gudizzjarju hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi

tollerat, minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali”.

F’ **Attard Michael vs Raymond Galea** deciza mill-Appell Civili Superjuri fit-12 ta’ Mejju 1998, inghad li; “Difett procedurali ma jgibx in-nullita` ta’ l-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju”. Issa fil-kaz in ezami, dak li inghad fic-citazzjoni huwa car, u hemm logika u konnessjoni bizzejjed bejn il-premessi u t-talbiet attrici. Ghalhekk, ic-citazzjoni odjerna m’ghandhiex titqies nulla u ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll l-irritwalita` tat-talbiet attrici stante li ma saret ebda talba lil din il-Qorti sabiex tordna li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-atturi qabel ma ntalbet il-kundanna tal-istess socjeta`. Il-Qorti tirrileva li se mai messha ntalbet dikjarazzjoni izda tali nuqqas jista’ jigi rifless fl-intaxxar takl-kawza u ma twassalx ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ghan-nullita` tac-citazzjoni u ghalhekk ukoll tichad din l-eccezzjoni.
L-eccezzjonijiet l-ohra, 5, 6 u 7, huma fuq il-mertu u sejrin jigu trattati hawn taht waqt li l-8 u 9 ma humhiex eccezzjonijiet.

Ta’ relevanza kbira hija l-iskrittura privata bejn iz-zewg partijiet (a fol 5-9). Stante li dan il-ftehim sar skond il-ligi bl-iskrittura ***de quo*** iffirmata miz-zewg partijiet, trid jigi ezaminat il-mertu tal-kawza in kwistjoni. F’dan il-kuntest, ta’ min jikkwota mill-Ftehim stess, li jispecifika li: “The sub-agent shall indemnify the Agent both during the currency of this Agreement, as well as after its termination for whatsoever cause against all loss, claims, costs, damages or other expense incurred by the Agent directly or indirectly in consequence of the sub-agent’s breach of or failure to perform any of its obligations expressed or implied under this Agreement, and under the provisions of the Insurance Brokers and Other Intermediaries Act 1998”.

Illi trid tigi kkunsidrata wkoll il-klawsola 23 tal-Ftehim: “Without prejudice to the provisions of Clause 1, this Agrement may be forthwith terminated by the Agent in the

event that the Sub-Agent fails to maintain its statutory licences in force ……….”

Irrizulta mill-provi li Chris Cachia ma tax il-kontribut tieghu ta’ sub-agent kif proprju kellu jaghmel. Fl-affidavit taghha Judith Cutajar qalet: “Kemm jien u kemm Rita konna ta’ sikwiet incemplu lil Cachia biex jaghti l-kontribut tieghu u jkellem lill-klijenti, izda dan kien kollu ghalxejn. Minhabba l-fatt li Cachia ma giex licenzjat bhala sub-agent, ahna ma stajniex nibghatu r-renewal notices lill-klijenti”.

Illi rrizulta wkoll, li fl-ebda mument Cachia ma wettaq id-doveri tieghu ta’ sub-agent tal-kumpanija Allcare, peress li hekk kif qal George Said fl-affidavit tieghu; “Wara li gie ffirmat il-kuntratt dik il-gurnata stess l-Allcare irciviet ittra minghand ir-regolatur l-MFSA fejn avza lill-Allcare li ma tistax taccetta business minghand Chris Cachia and Associates, u li Chris Cachia ma setghax jibghat circulari javza lill-klijenti b’xi bidliet”. Din l-ittra tinsab esebita a fol 75. Mid-dokument esebit a fol 48 u 49, jidher li Cachia ma nghatax il-licenzja mehtiega mill-Awtorita` kompetenti minhabba li kellu somma ta’ flus pendenti fl- ammont ta’ (LM24,198.44) li kien ghad ma hallasx. Illi minhabba dan l-agir tieghu, il-Middlesea Insurance ma riditx taghtih ir-rilaxx, u ghaldaqstant ma setghax jaqleb bhala sub-agent ma kumpanija ohra.

Illi Cachia, fil-fatt kien kiteb lill-Middlesea Insurance biex jitlob dan ir-rilaxx (a fol 43), izda huwa ma ottjeniex dan ir-rilaxx, u anqas allura ma nhargitlu l-licenzja mehtiega mill-MFSA. Fit-3 ta’ Frar 2003, l-attur ghan-nom tas-socjeta` attrici baghat ittra interpellatorja lill-konvenut Chris cachia (a fol 11). Irrizulta li f’April 2003 instab avviz fil-gazzetti lokali li jghid li l-MFSA nehhiet il-licenzji kollha tas-socjeta` konvenuta, li gie esebit a fol 59. Ghaldaqstant, il-konvenut Chris Cachia ma setax jopera bhala sub-agent, u lanqas setghet tinhariglu l-licenzja ghal tali sub-agenzija. F’ dan il-kuntest, tapplika l-klawsola 23 fl-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet li tistipula li l-Ftehim jigi terminat man-nuqqas tal-licenzja necessarja skond il-Ligi.

Fir-rigward ta’ l-ammonti li thallsu lill-konvenut, meta gie ffirmat il-Ftehim, tlett elef lira (LM3,000) ghall-avvjament. Inghad fi_**Francesco Spiteri vs Giuseppe Sghendo** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Mejju 1955, li “Is-sens ordinarju tal-kelma avvjament bil-Malti huwa dak proprju taghha, cioe’ ta’ trawwim ta’ post ghan-negozju, u l-kliem ghandhom jiftehmu fis-sens ordinarju taghhom”. F’dan il-kaz, it-tlett elef lira (LM3,000) thallsu mhux ghall-post tan-negozju, izda ghal-licenzja relattiva marbuta man-negozju. Fil-kaz odjern, tali licenzja ma nhargitx mill-Awtorita` kompetenti, l-MFSA. Ghal dawn il-mottivi, peress li s-socjeta` konvenuta ma wettqitx l-obbligi taghha skond il-kuntratt, u ma rrizultax li s-socjeta’ attrici ggwadanjat l-avvjament li kien imwieghed u ghalhekk tichad ukoll is-sitt eccezzjoni.

Fir-rigward tal-hamest elef lira (LM5,000) ghall-kummissjonijiet li saru bhala anticipu lis-socjeta’ konvenuta, ta’ min ighid li mill-provi, ma rrizultax negozju hlief ghal ftit affarijiet. Kif ukoll, l-ittra datata 17 ta’ Gunju 2003 (a fol 28) hija datata wara l-publikazzjoni fil-gazzetta li dehret fil-25 ta’ April 2003, li kienet thabbar li huwa ma setax jopera bhala sub-agent. Ghalhekk, wiehed ma tantx jista’ jiehu din l-ittra b’wisq effett.

Hawnhekk, ta’ min iqis it-talba ghar-rifuzjoni ta’ l-ammonti msemmija hawn fuq mis-socjeta` attrici bhala wahda lecita, u li ghandhom jinghataw lura mill-konvenut anke wara t-terminazzjoni tal-Ftehim in kwistjoni, salv li l-Qorti tqis li kien hemm beneficcju zghir hafna favur is-socjeta` attrici fis-sens li anke l-impjegata tal-konvenut spiccat tahdem mas-socjeta` attrici u dan seta` jwassal ghal xi klijenti li qabel kienu tal-konvenut jispiccaw ghand is-socjeta` attrici.

Ukoll minhabba li l-attur mhux biss ma gabx provi ukoll dwar il-kummissjonijiet, u naqas li jikkontesta kull prova migjuba kontrih, tichad ukoll is-seba’ l-eccezzjoni tal-konvenut hlief li **‘arbitrio boni viri’** tqis li s-socjeta` konvenuta ghandha ma troddx lura l-ahhar hames mitt lira minhabba l-gwadan zghir ta’ kummissjonijiet kif issemma fuq specjalment in vista tal-fatt li l-impjegata tad-ditta

konvenuta spiccat tahdem mas-socjeta` attrici, kif ukoll xi files tas-socjeta` konvenuta spiccaw ghand is-socjeta` attrici, u b'hekk marginalment is-socjeta` attrici ggwadanjat minn xi kummissjonijiet.

Mill-bqija t-talbiet attrici huma gustifikati.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' tmint elef lira (Lm8,000); u

Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas din is-somma ta' LM8000 u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni in kwantu ghat-tlett elef u hames mitt lira [tal-avvjament], u l-imghax mil-lum in kwantu l-bilanc ta' erba' telef u hames mitt lira [imhallsa dwar kummissjonijiet] lis-socjeta` attrici,

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------